



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 24 ta' April 2014
(OR. en)**

**8285/14
ADD 1**

**PV/CONS 19
AGRI 259
PECHE 162**

ABBOZZ TA' MINUTI

Suġġett: **It-3307** laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (**AGRIKOLTURA U SAJD**) li saret fi Brussell fl-24 ta' Marzu 2014

PUNTI TA' DELIBERAZZJONI PUBBLIKA¹

Paġna

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

PUNTI "A" (dok. 7810/14 PTS A 30)

1. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet perijodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jħassar id-Direttiva 2009/40/KE [L-ewwel qari] (AL+D) 4
2. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi [L-ewwel qari] (AL+D)..... 5
3. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE [L-ewwel qari] (AL+D) 6
4. Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 [L-ewwel qari] (AL)..... 7
5. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [L-ewwel qari] (AL+D) 7
6. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1166/2008 rigward il-qafas finanzjarju għall-perijodu 2014-2018 [L-ewwel qari] (AL) 8
7. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 [L-ewwel qari] (AL+D) 8
8. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarji għall-perijodu 2014-2020 u li jħassar id-Deċiżjoni 716/2009/KE [L-ewwel qari] (AL) 9
9. Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax (AL)..... 9

* * *

¹ Deliberazzjonijiet dwar l-atti legiſlattivi tal-Unjoni (l-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), deliberazzjonijiet oħrajn miftuħin għall-pubbliku u dibattiti pubbliċi (l-Artikolu 8 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill).

PUNTI "B" (dok. 7668/14 OJ/CONS 19 AGRI 214 PECHE 143)

4. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi [L-ewwel qari] 10
5. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li jemenda r-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali] u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 [L-ewwel qari] 10

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

7. Rapport mill-Kummissjoni dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza għal-laħam użat bħala ingredjent 11

*

* *

DELIBERAZZJONIJIET LEĠISLATTIVI

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

PUNTI "A"

- 1. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li jħassar id-Direttiva 2009/40/KE [L-ewwel qari] (AL+D)**
PE-CONS 10/14 TRANS 17 CODEC 112

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 91 TFUE).

Dikjarazzjoni mil-Latvja

"Il-Latvja tappoġġa bis-sħiħ il-Pakkett dwar l-affidabbiltà stradali li jinkludi proposti għall-aġġornament tar-rekwiżiti regolatorji għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u spezzjonijiet waqt it-traġitt kif ukoll tar-reġistrazzjonijiet tal-vetturi.

Matul in-negozjati, il-Latvja żammet it-tħassib tagħha rigward it-tħassir tal-kategorija ta' vetturi N1 mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tħassar id-Direttiva 2000/30/KE minħabba li l-parteċipazzjoni ta' vetturi bil-mutur mhux sikuri u perikolużi fit-traffiku stradali tista' tkun ta' theddida sinifikanti għas-sikurezza tat-toroq, li hu kontradittorju mhux biss mal-għanijiet nazzjonali, iżda wkoll ma' dawk fil-livell tal-UE fil-kuntest tas-sikurezza stradali.

Il-Latvja tesprimi d-diżappunt tagħha dwar l-arranġamenti finali għall-frekwenza tal-ittestjar ta' vetturi tal-kategorija N1 stabbiliti fil-proposta dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom għat-triq u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE.

F'dan ir-rigward il-Latvja hija tal-istess opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea li, fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha li takkumpanja l-proposti tal-Pakkett dwar l-affidabbiltà stradali, iddikjarat li l-frekwenza minima tal-ittestjar għal kategoriji differenti ta' vetturi li tinkludi wkoll il-kategorija N1 kif definit fl-Anness I tad-Direttiva 2009/40/KE hija baxxa wisq biex tiżgura livelli ottimali ta' affidabbiltà stradali tal-vetturi li qed jintużaw.

Filwaqt li tibqa' tħaddan l-opinjoni dwar elementi indikati hawn fuq, il-Latvja tista' tappoġġa l-adozzjoni tat-tliet atti legiſlattivi kollha li jiffurmaw il-Pakkett dwar l-affidabbiltà stradali."

**2. Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi [L-ewwel qari] (AL+D)
PE-CONS 11/14 TRANS 18 CODEC 113**

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 91 TFUE).

Dikjarazzjoni mil-Latvja

"Il-Latvja tappoġġa bis-sħiħ il-Pakkett dwar l-affidabbiltà stradali li jinkludi proposti għall-aġġornament tar-rekwiżiti regolatorji għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u spezzjonijiet waqt it-traġitt kif ukoll tar-reġistrazzjonijiet tal-vetturi.

Matul in-negozjati, il-Latvja żammet it-tħassib tagħha rigward it-tħassir tal-kategorija ta' vetturi N1 mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabbiltà stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tħassar id-Direttiva 2000/30/KE minħabba li l-parteċipazzjoni ta' vetturi bil-mutur mhux sikuri u perikolużi fit-traffiku stradali tista' tkun ta' theddida sinifikanti għas-sikurezza tat-toroq, li hu kontradittorju mhux biss mal-għanijiet nazzjonali, iżda wkoll ma' dawk fil-livell tal-UE fil-kuntest tas-sikurezza stradali.

Il-Latvja tesprimi d-diżappunt tagħha dwar l-arranġamenti finali għall-frekwenza tal-ittestjar ta' vetturi tal-kategorija N1 stabbiliti fil-proposta dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom għat-triq u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE.

F'dan ir-rigward il-Latvja hija tal-istess opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea li, fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha li takkumpanja l-proposti tal-Pakkett dwar l-affidabbiltà stradali, iddikjarat li l-frekwenza minima tal-ittestjar għal kategoriji differenti ta' vetturi li tinkludi wkoll il-kategorija N1 kif definit fl-Anness I tad-Direttiva 2009/40/KE hija baxxa wisq biex tiżgura livelli ottimali ta' affidabbiltà stradali tal-vetturi li qed jintużaw.

Filwaqt li tibqa' tħaddan l-opinjoni dwar elementi indikati hawn fuq, il-Latvja tista' tappoġġa l-adozzjoni tat-tliet atti legiſlattivi kollha li jiffurmaw il-Pakkett dwar l-affidabbiltà stradali."

**3. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ispezzjoni teknika waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE [L-ewwel qari] (AL+D)
PE-CONS 12/14 TRANS 19 CODEC 114**

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, b'vot kontra mid-delegazzjoni Ġermaniża, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 91 TFUE).

Dikjarazzjoni mil-Latvja

"Il-Latvja tappoġġa bis-sħiħ il-Pakkett dwar l-affidabilità stradali li jinkludi proposti għall-aġġornament tar-rekwiżiti regolatorji għal spezzjonijiet tekniċi perjodiċi u spezzjonijiet waqt it-traġitt kif ukoll tar-reġistrazzjonijiet tal-vetturi.

Matul in-negozjati, il-Latvja żammet it-tħassib tagħha rigward it-tħassir tal-kategorija ta' vetturi N1 mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li tħassar id-Direttiva 2000/30/KE minħabba li l-partekipazzjoni ta' vetturi bil-mutur mhux sikuri u perikolużi fit-traffiku stradali tista' tkun ta' theddida sinifikanti għas-sikurezza tat-toroq, li hu kontradittorju mhux biss mal-għanijiet nazzjonali, iżda wkoll ma' dawk fil-livell tal-UE fil-kuntest tas-sikurezza stradali.

Il-Latvja tesprimi d-diżappunt tagħha dwar l-arranġamenti finali għall-frekwenza tal-ittejtjar ta' vetturi tal-kategorija N1 stabbiliti fil-proposta dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom għat-triq u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE.

F'dan ir-rigward il-Latvja hija tal-istess opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea li, fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha li takkumpanja l-proposti tal-Pakkett dwar l-affidabilità stradali, iddikjarat li l-frekwenza minima tal-ittejtjar għal kategoriji differenti ta' vetturi li tinkludi wkoll il-kategorija N1 kif definit fl-Anness I tad-Direttiva 2009/40/KE hija baxxa wisq biex tiżgura livelli ottimali ta' affidabilità stradali tal-vetturi li qed jintużaw.

Filwaqt li tibqa' tħaddan l-opinjoni dwar elementi indikati hawn fuq, il-Latvja tista' tappoġġa l-adozzjoni tat-tliet atti leġislattivi kollha li jiffurmaw il-Pakkett dwar l-affidabilità stradali."

4. Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 [L-ewwel qari] (AL)

- Adozzjoni
 - a) tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari
 - b) tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
 - 7581/14 CODEC 754 CULT 36
 - 5793/14 CULT 10 CODEC 201
 - + ADD 1
- approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-19.03.2014

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 167(5) TFUE)

5. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [L-ewwel qari] (AL+D)

- Adozzjoni
 - a) tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari
 - b) tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
 - 7583/1/14 REV 1 CODEC 755 AVIATION 74 ENV 262
 - 7583/14 ADD 1
 - 5560/14 AVIATION 15 ENV 52 CODEC 149
 - + REV 1 (fi)
 - + ADD 1
- approvat mill-Coreper, Parti 1, fid-19.03.2014

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 100(2) TFUE)

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni
dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2002/49/KE

"Il-Kummissjoni qed tiddiskuti mal-Istati Membri l-Anness II għad-Direttiva 2002/49/KE (metodi ta' kalkolu tal-istorbju) bil-ħsieb li jiġi adottat fix-xhur li ġejjin.

Abbażi tal-ħidma li qed twettaq attwalment id-WHO dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet għas-saħħa tal-impatt tal-istorbju, il-Kummissjoni biħsiebha tirrevedi l-Anness III għad-Direttiva 2002/49/KE (stima tal-impatt fuq is-saħħa, kurvi ta' doża-rispons)."

6. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1166/2008 rigward il-qafas finanzjarju għall-perijodu 2014-2018 [L-ewwel qari] (AL)
PE-CONS 46/14 STATIS 28 AGRI 144 CODEC 568

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 338(1) TFUE).

7. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm Copernicus u jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 [L-ewwel qari] (AL+D)
PE-CONS 144/13 ESPACE 116 COMPET 942 RECH 614 IND 384
TRANS 690 MI 1195 ENER 597 ENV 1232 COSDP 1160 CSC 198
TELECOM 365 CODEC 3082
+ REV 1 (cs)

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 189(2) TFUE).

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

"Wara l-ftehim mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill biex Copernicus jiġi inkluż fil-QFP bħala programm tal-Unjoni Ewropea, il-ġestjoni finanzjarja ta' dan il-programm issa hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 317 tat-TFUE skont liema l-Kummissjoni għandha l-obbligu li timplimenta l-baġit taħt ir-responsabbiltà tagħha stess. Il-Kummissjoni, fl-eżekuzzjoni ta' tali obbligu, hija responsabbli lejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-baġit ta' Copernicus ser, fost l-oħrajn, jiġi ddedikat għall-akkwist u x-xiri tas-satelliti għall-komponent spazjali, it-tnedija tagħhom fl-orbita, l-ispejjeż relatati maż-żamma tagħhom fl-operazzjoni kif ukoll in-nefqa relatata mal-mezzi li jippermettu l-forniment tas-servizzi. L-implimentazzjoni tal-baġit għalhekk ser tinvolvi għadd kbir ta' kuntratti, avviżi ta' bidliet fil-kuntratti u ordnijiet tax-xogħol bi grad għoli ta' kumplessità teknika u ta' ġestjoni tal-proġett. Sabiex isir l-aħjar użu ta' għarfien espert tekniku disponibbli u l-esperjenza fl-oqsma rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist tal-komponent spazjali, il-Kummissjoni ser tikkonkludi ftehimiet ta' delega mal-ESA u l-EUMETSAT, kif previst mir-Regolament. Il-Kummissjoni biħsiebha tafda lill-ESA u l-EUMETSAT bir-rwol tal-awtorità kontraenti għall-maġġoranza tal-kuntratti, inklużi l-attivitàjiet ta' żvilupp, operattivi u kofinanzjati. Għalhekk, l-ESA u l-EUMETSAT ser jiġu pprovduti bil-flessibbiltà meħtieġa sabiex jimplimentaw il-programm Copernicus u l-abbiltà li jwettqu b'mod effettiv il-ġestjoni ta' kuljum tal-kuntratti.

Il-Kummissjoni ser tibqa' biss awtorità kontraenti fejn jidhrilha li dan huwa essenzjali għat-twettiq tal-obbligi essenzjali tagħha taħt it-Trattat, ir-Regolament Copernicus u r-Regolament Finanzjarju kontraenti.

Il-Kummissjoni tfakkar li l-Istati Membri tal-UE ser ikunu involuti bis-sħiħ qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali dwar il-ftehimiet ta' delega."

8. Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' programm tal-Unjoni għas-sostenn ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rappurtar u l-awditjar finanzjarji għall-perijodu 2014-2020 [L-ewwel qari] (AL)

PE-CONS 134/13 ECOFIN 1168 EF 273 SURE 29 DRS 224 CODEC 2994
+ REV 1 (el)

Il-Kunsill approva l-emenda li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u adotta l-att propost emendat kif meħtieġ, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

9. Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/48/KE dwar tassazzjoni ta' dħul minn tfaddil fil-forma ta' pagamenti ta' mgħax (AL+D)

17162/13 FISC 244
+ COR 1

Il-Kunsill adotta d-Direttiva msemmija hawn fuq. (Bażi legali: l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

“Il-Kummissjoni tikkonferma li jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Art 10(2) tad-Direttiva dwar it-Tfaddil ma jkunux sodisfatti qabel l-1 ta' Jannar 2015, il-perijodu transitorju stipulat f'dak l-Artikolu m'għandux jintemm qabel il-31 ta' Diċembru 2016.”

PUNTI "B"

4. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi [L-ewwel qari]

Fajl Interistituzzjonali: 2013/0398 (COD)

- Dibattitu ta' orjentazzjoni
7831/14 AGRI 222 AGRIFIN 42 AGRIORG 49 CODEC 801

Il-Kunsill ħa nota tal-kummenti tar-rappreżentant tal-Kummissjoni u l-kummenti tad-delegazzjonijiet u qabel dwar l-Artikoli 8(3), 12, 12a, 15 u 18 tal-abbozz ta' Regolament.

5. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi, li jemenda r-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali] u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 [L-ewwel qari]

Fajl Interistituzzjonali: 2014/0100 (COD)

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ppreżenta r-Regolament il-ġdid dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi. Huwa spjega li, għalkemm ir-Regolament attwali dwar il-biedja organika ġie adottat dan l-aħħar, kien hemm il-ħtieġa li tittejjeb il-leġislazzjoni attwali dwar il-produzzjoni organika bil-għan li jitneħħew l-ostakli għall-iżvilupp sostenibbli tal-produzzjoni organika, biex b'hekk tkun garantita kompetizzjoni ġusta għall-bdiewa, tinżamm il-fiduċja tal-konsumatur fi prodotti organiċi u tiġi evitata l-frodi. Huwa indika li s-settur kien qed jikber b' mod mgħaġġel ħafna, b'żieda fid-domanda u l-kummerċ. Għalhekk, il-prodotti organiċi ma għandhomx jitqiesu aktar bħala prodott speċjalizzat.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni enfasizza li l-modernizzazzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-prodotti organiċi u l-pjan ta' azzjoni Ewropew għall-agrikoltura bijoloġika kienet ir-riżultat ta' valutazzjoni tal-impatt u djalogu intensiv mal-Istati Membri, is-settur privat u ċ-ċittadini (permezz ta' konsultazzjoni pubblika).

Il-Prezidenza infurmat lill-Kunsill li kienet lesta li tibda l-eżami ta' dan l-att leġislattiv il-ġdid mingħajr dewmien.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI - DIBATTITI PUBBLIĊI

[F'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (proposti mid-delegazzjoni Franċiża)]

7. Rapport mill-Kummissjoni dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza għal-laħam użat bħala ingredjent

- Preżentazzjoni mill-Kummissjoni u skambju ta' fehmiet
18148/13 DENLEG 162 AGRI 880 CONSOM 226 SAN 551

Wara l-preżentazzjoni mir-rappreżentant tal-Kummissjoni tar-rapport dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għal-laħam użat bħala ingredjent (18148/13), numru ta' delegazzjonijiet esprimew il-fehmiet tagħhom dwar il-konklużjonijiet tar-rapport, b'mod partikolari dwar it-3 xenarji ppreżentati mill-Kummissjoni.
